MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 17/2000/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentenza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Dr. John Cordina sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Dr. John Cordina**

**Vs**

**Karmenu Mugliett**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundanant li jhallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tmienja u sebghin liri Maltin u sitt centezmi (Lm678.06) li jinkludu hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) 'Excess' imhallas mill-assikurat Dr. John Cordina rappresentanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilisitku tal-14 ta' Lulju 1997, gewwa Wied il-Ghajn Road, Zabbar,

bejn il-vettura numru LAF 575 misjuqa mill-konvenut u l-vettura Nru KAI 015 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta’ attrici Dr John Cordina u propjeta’ tal-istess Dr. John Cordina, liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Lulju 1999, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut mal-avviz u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (a fol 17 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-incident ma okkorriex bi htija tal-eccipjent izda tal-attur kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in forma preliminari, il-konvenut qed jibbaza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata minn fuq <u>l-artikolu 2153</u> tal-Kodici Civili li jghid illi l-azzjonijet ghad-<u>danni</u> li ma joriginawx minn reat kriminali huma preskritti bit-terminu ta’ sentejn. Dwar l-istess eccezzjoni, l-konvenut ma jidhirx li ressaq xi prova. Pero l-Qorti nnotat illi l-incident in esami, skond kif hemm specifikat fl-istess avviz, kien gara fl-<u>14 ta’ Lulju 1997</u> waqt li giet presentata <u>ittra ufficjali</u> kontra l-istess konvenut, <u>esattament sentejn wara</u> ossija fl-<u>14 ta’ Lulju 1999</u>. Jkun opportun, hawnhekk, illi ssir referenza ghall-<u>artikolu 2130(1)</u> tal-Kodici Civili li, jghid “No interruption takes place if the act is not served befor the expiration of one month to be reckoned from the last day of the period of prescription’.

Dwar dan, kien jispetta lill-konvenut illi jipprova, stante li ‘onus probandi’ kien jispetta lil dan, illi l-ittra ufficjali ma kienetx notifikat lilu fi zmien xahar mill-ahhar jum tal-perijodu ta’ preskrizzjoni, f’dan il-kaz mill-14 ta’ Lulju 1999. Illi ghalhekk, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi akkolta.

Ikkunsidrat

Illi decisa l-eccezzjoni prelimianri msemmija in rigward il-meritu ta’ dan il-kaz, il-konvenut, ma ressaqx xi provi in sostenn tat-tieni eccezzjoni tieghu.

Illi s-socjeta attrici nomine et, da parti taghha ipproduciet is-segwenti provi:

a). Hugh P. Zammit (fol 7 et seq tal-atti) xehed dwar il-‘quantum’ ta’ danni li garrbet il-vettura misjuqa mill-assikurat tas-socjeta attrici nomine, l-attur Dottor John Cordina u dwar dan ghandha ssir referenza ghad-dokumenti esebiti minnu minn fol 8 sa fol 14 tal-atti.
b) L-istess attur Dottor John Cordina (fol 29 ibid) spjega li kien jsuq minn Haz Zabbar lejn Wied il-Ghajn u meta ra li, quddiemu kien hemm vettura ohra li kienet qed tinsaq bil-mod, hu ddecieda li jaqbez din il-vettura u ghalhekk wara li accerta ruhu li mid-direzzjoni opposta ma kienet gejja l-ebda vettura ohra, hu beda jesegwixxi l-manuvra ta’ sorpass. Pero kif iz-zewg vetturi waslu vicin id-dahla ta’ Triq Has Sajjied, jidher li “…. Harget vettura (ohra) ….. u baqa’ diehel fiha”. Hawnhekk, ix-xhud spjega ghaliex it-triq li fuqha kien qed jsuq ghandha tigi konsiderata bhala it-triq principali u specifika li “lill-iehor ma stajtx narah ghax hareg minn wara cint tas-sejjieh”. In rigward hsarat, hu indika li dawn kienu fuq il-genb tal-lemin tal-vettura (tieghu), mill-‘mudguard ta’ quddiem sal-mudguard ta’ wara”.
3) PC 910 Jason Camilleri (fol 49 et seq ibid) esebixxa kopja tar-‘road accident report u tal-iskizz maghmulin minnu. Mill-istess skizz, wiehed jista’ jara u jinnota l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru IAF 575, hierga mit-triq laterali, msemmija fuq ix-xhieda tal-attur.

Ikkunsidrat

Illi, anke fil-meritu, l-konvenut ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' dak eccepit minnu u ghalhekk l-istess meritu ser jigi deciz a basi tal-provi prodotti mis-socjeta attrici nomine et.

Illi mill-istess provi jidher illi l-konvenut kien hiereg minn triq laterali ghal dik principali u kollox jindika illi, kontrarju ghal dak li stqarr lill-imsemmi pulizija kif rapportat fl-imsemmi 'road accident report' (ara 'brief descripiton of accident'), l-istess konvenut ma accertax ruhu illi fuq it-triq principali, ma kienx ghaddej traffiku iehor. Filfatt kieku esegwixxa, kif suppost, din il-manuvra, jidher li ma setax ma jindunax illi kienet gejja, fuq ix-xellug tieghu, l-vettura misjuqa mill-attur waqt li kienet qed tissorpassa vettura ohra. Dwar dan il-Qorti qieset jekk l-attur ghandux jinstab responsabbli, ukoll ghal dan incident fuq basi ta' kontributorjeta minhabba li kien qed jissorpassa vettura ohra. Pero l-istess Qorti qieset dan il-punt bhala ininfluwenti fl-istess incident, in vista Ii kien ghadu kemm intqal, dan l-incident jidher li gie kawzat , effettivament, minn nuqqas tad-debita attenzjoni da parti tal-konvenut waqt li kien hiereg mill-imsemmija triq laterali.

Ikkunsidrat

Illi l-'quantum' ta' hsarat mitluba mis-socjeta attrici nomine et ma giex, b'xi mod kontestat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti:-

1) Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenut.
2) Tilqa t-talbiet attrici u:
(a) tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami u dan minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;
(b) tillikwida l-ammont globali ta' danni fis-somma ta' Lm678.06,0 u;

(c) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ Lm653.06,0 u lill-attur, Dottor John Cordina, is-somma ta’ Lm25 bl-imghax legali mill-14 ta‘ Lulju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Lulju 1999 u ta’ dik tas-6 ta‘ Jannar 2000, imsemmija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------